DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 1994** **13. 09. 2012**

**ĦMISTAX-IL PAJJIŻ EWROPEW, FLIMKIEN JENFASIZZAW IL-PERIKLI TAL-ADDITTIVI TAS-SIGARETTI**

Fit-13 ta' Settembru 2012 , 15-il pajjiż Ewropew niedu websajts biex jinfurmaw lill-pubbliku dwar l-addittivi użati mill-industrija tat-tabakk li jagħmlu s-sigaretti aktar attraenti. Dawn is-sustanzi huma ta' ħsara għas-saħħa. Wara kollox, aktar ma jitpejpu sigaretti, aktar dawk li jpejpu huma esposti għall-sustanzi tossiċi. Dan il-proġett huwa mniedi mill-(RIVM) L-istitut Nazzjonali Olandiż għas-Saħħa Pubblika u Ambjent u ċ-Ċentru Germaniż għar-Riċerka tal-Ċancer (DKFZ). L-għan huwa li jipprovdi liċ-ċittadini Ewropej bl-informazzjoni oġġettiva dwar l-addittivi, bħal kif jaħdmu u l-impatt tagħhom fuq is-saħħa.

Is-siti ta' kull wieħed minn dawn is-sittax -il pajjiż Ewropew jipprovdu dettalji ta' 14 –il addittivi speċifiċi li l-kumpaniji tat-tabakk iżidu għas-sigaretti. Dawn is-sustanzi jinkludu gliċerol, zokkor, taċ-ċelluloża, likorizja, kawkaw, menta u l-vanillina. L-addittivi huma intenzjonalment imħallta mat-tabakk biex jagħmlu s-sigaretti aktar attraenti speċjalment għal dawk li reċentement bdew il-vizzju. Huma wkoll iħeġġu lin-nies biex ipejpu aktar. Bħala riżultat, dawn l-addittivi għandhom impatt sostanzjali fuq is-saħħa pubblika. Dan minħabba li t-tipjip huwa fattur ewlieni fl-iżvilupp tal-kanċer tal-pulmun, il-mard kardjovaskulari, u mard respiratorju. Fl-Ewropa, kważi 700,000 persuna jmutu kull sena mill-effetti tat-tipjip.

Vanillina huwa wieħed mill-addittivi l-aktar komuni li jigi użat fis-sigaretti, huwa wkoll wieħed mit-togħmiet l-aktar popolari fid-dinja. Dan mhux b' koinċidenza. Manifatturi tat-tabakk deliberatament iżidu ħwawar tal-vanillina fit-tabakk, fil-karta tas-sigarett, jew fil-filtri. Meta l-vanillina tinħaraq huwa magħruf li tirrilaxxa firxa ta' kimiċi differenti, inkluż sostanzi li jkunu ġew klassifikati bħala karċinoġeniċi mill-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka fuq il-Kanċer. Vanillina wkoll tikkaġuna ħsara b'mod indirett, għaliex billi taħbi t-togħma qawwija tad-duħħan tas-sigaretti tagħmel it-tipjip aktar attraenti. Ħafna nies ma jirrealizzawx li l-vanillina u għexieren ta ' sustanzi oħra huma miżjuda mas-sigaretti biex itejbu t-togħma tagħhom.

Il-pajjiżi involuti f'din is-sħubija huma :

L-Olanda, il-Ġermanja, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Polonja, ir-Rumanija, l-Estonja, Malta, l-Awstrija, ir-Renju Unit, in-Norveġja, Franza, il-Finlandja, it-Turkija u l-Iżvizzera.

**Attachments: None**



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt